## Dok. 11

**Silta mid-Daħla "Għalfejn u Għal Min Dan il-Ktieb" bid-Data ta' Marzu, 1936 fil-Ktieb ta' A. Cremona, *Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija* l-Ewwel Ktieb (Oxford University Press, 1936)**

"Qatt qabel din id-darba ma nħasset hekk qawwija l-ħtieġa li jinkiteb ktieb fuq it-tagħlim tal-Kitba Maltija għal idejn it-tfal u ż-żgħażagħ. U dan imħabba bosta ħwejjeġ, fosthom, it-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel tal-Gvern, id-dħul tal-Isien Malti fil-Qrati u fl-amministrazzjoni tal-Gvern u t-tixrid tal-kitba Maltija fost il-qarrejja f'dawn il-Gżejjer u barra minn Malta. Iżda l-ewwel u l-akbar ħtieġa ta' dan il-ktieb huwa t-tagħlim sħiħ tal-kitba Maltija fost dawk it-tfal ta' l-Iskejjel li għad iridu jkunu s-sisien li fuqhom bi ħsiebhom jinbnew il-plieri l-kbar tal-Isien Malti."

## *REĊENSJONI*

### *Il-Feddej – Rumanz bibliku, storiku, u oriġinali, ta' Mary Haber. Veritas Press, 1990*

Aktar milli rumanz bibliku *Il-Feddej* hu l-Vanġelu miktub f'forma ta' rumanz. Fih jinstabu l-ġrajjiet l-aktar magħrufin u t-tagħlim kważi kollu li wieħed jista' jsib fl-erba' testi evanġeliċi. Jidher ċar li l-awtriċi hi midħla sewwa mhux biss tal-kitbiet ta' Mattew, Marku, Luqa u Ġwanni imma wkoll tat-tifsir li jingħatalhom mill-istudjużi ta' l-Iskrittura. Tidher midħla wkoll tal-leġġendi u għajdut ieħor marbutin ma' xi persunaġġi li jissemmew fil-vanġeli apokrifi. Fejn jidhrilha, tħalli l-fantasija tiġri biha biex toħloq ġrajjiet u sitwazzjonijiet li jakkomodaw ir-rakkont tagħha. Xi nies li l-Vanġelu jirreferi għalihom f'xi ċirkustanza waħda f'dan ir-rumanz isibu l-bijografija sħiħa tagħhom skond kif l-awtriċi immaġinat li setgħet kienet.

*Il-Feddej*, ismu miegħu, hu rumanz li għandu lil Ġesù Kristu bħala ċ-ċentru tiegħu, u l-persunaġġi l-oħra, tajbin u ħżiena, jieħdu l-importanza tagħhom minħabba fih, min għax iltaqa' miegħu u ngħibed lejh u min għax ħadha kontrieh u fittex il-qirda tiegħu. Jibda b'Ġesù tarbija rifuġjat fl-Eġittu u jintemm mhux biss bil-mewt u l-qawmien tiegħu imma wkoll bil-ħdima ta' l-ewwel insara f'Ruma li, xi wħud minnhom li kienu jafuh fil-Palestina, ħallew ħajjithom għalih.

Rumanz ta' din ix-xorta diffikultà waħda jista' jkollu, li min jaqrah bla ma jkun qara tajjeb qabel il-Vanġelu jista' jħallat il-fittizju mar-realtà. Bħalma jiġri lil bosta li jaraw films bibliċi u jemmnu li dak li jidher fuq il-liżar ikun seħħ tassew xi darba.

Mill-bqija *Il-Feddej* hu rumanz li għandu jogħġob lil min iħobb il-qari li ma jitlobx impenn speċjali mill-qarrej.

J.S.



# NEKROLOĠIJA

## DUN FRANS CAMILLERI

Dun Frans, bin Giovanni Camilleri u Josephine Barbara, twieled il-Marsa fis-sena 1919. Studja l-iskola tal-Gvern, St. Paul's School, is-Seminarju tal-Furjana u għadda l-aħħar erba' snin fl-Università ta' Malta għall-Kors tat-Teoloġija. Ħa l-quddiesa fl-1943, u minn dak iż-żmien baqa' jqaddes kuljum fil-Knisja ta' Santunnuzzu, il-Ħamrun, li tagħha kien Rettur għal ħafna snin. Għallem il-Malti fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u fis-

